VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,310, 16 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 324 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Physiotherapy) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Physiotherapy), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Physiotherapy) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 291 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-grad miksub fil-Fiżika fil-Livell Avvanzat, għandu, għall-għan tal-għażla, jkun assimilat mal-gradi li ġejjin fil-Livell Intermedju:

Grad E fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad Ċ fil-Livell Intermedju
Grad D fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad Ċ fil-Livell Intermedju
Grad Ċ fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad B fil-Livell Intermedju
Grad B fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad A fil-Livell Intermedju
Grad A fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad A fil-Livell Intermedju."

4. Minflok il-paragrafu (5) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom jitqiesu l-ewwel."